MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 147/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Paul Miruzzi)**
**Vs**
**Joseph Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Lovis Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att,
1. fid-29 ta’ Marzu, 2007, f’ ta’ Tereza Confectionery, Triq il-Kullegg, Gzira, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ “cash register” fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Telttax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998

dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att nru. XXIII ta' l-1998;

2. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) tal-Kap. 406 u l-partiti 1,2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta' seba' mitt Euro (€700) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom u minn kull imputazzjoni w piena. Illi pero' minghajr pregudizzju, kemm-il darba din il-Qorti ssib htija fl-appellant, talab li tirriforma l-istess sentenza appellata w tapplika piena aktar addattata ghall-kaz, mehud kont ic-cirkostanzi kollha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. illi preliminarjament jinghad illi l-appellant huwa mpjegat tas-socjeta' Lovis Bakery & Confectionery Ltd u n-numru tar-registrazzjoni 1118-1836 imsemmi fil-komparixxi ma jappartjenix lil Joseph Zammit izda lill-kumpanija msemmija. Illi matul is-smiegh quddiem l-Ewwel Qorti, la ngabet prova li Joseph Zammit ghandu xi kariga rapprezentatrici tas-socjeta' kummercjali msemmija li kontriha kellha ssir il-kawza, w lanqas kien ippruvat li hija l-istess socjeta' li tiggestixxi l-hanut Ta' Tereza Confectionery fejn allegatament sehhet il-vjolazzjoni tal-ligi;

Illi bl-istess argument la darba ttiehdu l-proceduri kriminali kontra l-appellant, il-prosekuzzjoni missa resqet il-prova li l-hanut Ta' Tereza Confectionery huwa proprjeta' jew huwa gestit mill-istess appellant. Pero' f'dan ir-rigward ukoll il-prosekuzzjoni baqghet mankanti;

2. Illi zball car li jirrizulta mill-akkuza jirrigwarda l-indirizz tal-hanut Ta' Tereza Confectionery fejn allegatament sehh l-incident. Waqt ix-xhieda tieghu, l-appellant semma' illi l-hanut imsemmi qieghed fi Triq Ponsomby, il-Gzira w ma tezisti ebda "Triq il-Kullegg" fil-Gzira. Dan gie kkonfermat waqt it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur sottoskritt li assista lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti li wkoll bhall-appellant, twieled, trabba w ghex dejjem il-Gzira;

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti b'mod skorrett ma tatx importanza li dan l-izball fl-indirizz tal-hanut fejn alleggatament sehh l- incident u lanqas ordnat xi korrezzjoni tieghu;

Illi fil-kaz in ezami l-akkuza ma ssemmix hin specifiku jew approssimattiv ta' meta sehhet l-allegata vjolazzjoni. Aktar, l-istess akkuza hija kompletament skorretta meta ssemmi "Triq il-Kullegg" – Gzira" bhala l-indirizz tal-hanut Ta' Tereza Confectionery, meta l-istess triq ma tezistix fil- Gzira;

Illi dak kollu suespost jipprova illi l-akkuza mahruga kontra l-appellant saret b'mod mghaggel u zbaljat ghax saret kontra persuna hazina, hija mankanti fid-dettal tal-hin meta sehhet, jekk sehhet, l-alleggata vjolazzjoni u taghti informazzjoni skorretta f'dak li

jirrigwarda l-indirizz tal-lok fejn allegatament sehhet l-istess vjolazzjoni;

3. Illi l-appellant jichad li huwa ma harigx ircevuta fiskali lil persuna li kienet xtrat mill-hanut fejn kien qed jahdem fid-29 ta' Marzu, 2007, hekk kif qed jigi alleggat mill-prosekuzzjoni;

Illi l-appellant jikkonferma bl-aktar mod qawwi illi huwa dejjem u invarjabbilment jaghti ricevuta fiskali ta' kull bejgh li jsir mill-hanut li fih jahdem;

Illi l-appellant, fil-fatt ftakar fl-incident in kwistjoni, peress li fil-jum imsemmi kien gie kkonfrontat minn ufficjal tal-VAT li wara li ntroduciet lilha nnifisha, irrimarkatlu li fuq bejgh ta' pakkett sigaretti li kien ghadu kif ghamel lil persuna barranija, l-appellant ma kienx hareg ricevuta fiskali. Illi l-appellant cahad dan a tempo vergine ma' l-istess spettur tal-VAT u immedjatament urieha l-istess ricevuta peress li l-persuna li kienet xtrat, lebbtet il-barra mill-hanut minghajr ma hadet maghha l-istess ricevuta;

Illi fix-xhieda taghha l-unika xhud tal-prosekuzzjoni w cioe' l-ufficjal tal-VAT stqarret illi l-bejgh sar quddiem ghajnejha w anzi, tat it-taghrif li l-persuna li kienet xtrat il-pakkett tas-sigaretti kien ta' nazzjonalita' barranija. Hija stqarret ukoll li dak ir-ragel kien anke ghadda minn quddiemha waqt li kien hiereg mill-hanut. Illi pero', ghall-mistoqsija ghalfejn hija ma waqfitx lil dik l-istess persuna w staqsietu dwar l-ircevuta, l-istess xhud baqghet siekta w ma gharrfitx twiegeb;

Illi l-appellant jissottometti illi l-istess xhud ufficjal tal-VAT setghet hadet impressjoni skorretta dak inhar ta' l-incident ta' dak li tabilhaqq sehh fil-hanut. Di fati, kif gia ssemma', anke l-indirizz ta' l-istess hanut huwa kompletament skorrett u l-hin tal-kommissjoni ta' l-allegata vjolazzjoni huwa mankanti fl-akkuza;

4. Illi l-ahhar ilment ta' l-appellant jirrigwarda l-piena esagerata li l-Ewwel Qorti mmultatu. Illi mill-istess xhieda moghtija mill-ufficjal tal-VAT, l-alleggat bejgh kien jirrigwarda pakkett sigaretti ta' mhux aktar minn tlett Euro (€3). Ghalhekk zgur li l-multa ta' seba' mitt Euro (€700) moghtija lill-appellant hija wahda sproporzjonata u esagerata minn kull aspett, specjalment fl-isfond ta' multi

ohra applikati mill-istess Qorti diversament preseduta fuq akkuzi simili;
Illi f'dan ir-rigward l-appellant jsemmi illi huwa cittadin onest li dejjem hadem u hallas it-taxxi u li ghandu kondotta netta w qatt ma tressaq il-Qorti fi 53 sena kemm ilu jghix.

Semghet ix-xhieda ta' Paul Scicluna, tal-VAT Inspector Caroline Rapa w tal-appellant fis-seduta tal-lum.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu manifestament infondat ghaliex apparti li kien hu personalment li inqabad ma jaghtix ricevuta fiskali, jirrizulta ampjament mid-dokument a fol. 5 li l-appellant personalment u flimkien ma certu Sebastian Zammit huwa kemm Direttur, kif ukoll shareholder tas-socjeta' *de quo* u li wkoll addirittura ghandu r-rapprezentanza gjudizzjali taghha. Mhux biss, imma huwa ukoll wahdu hu registrat *bhala l-"company secretary".* Ghalhekk zgur li hu seta' jigi mharrek, kemm personalment kif ukol fil-vesti ta' rapprezentant tas-socjeta' imsemmija registrata mad-Dipartiment tal-VAT. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu li hemm zball fic-citazzjoni w ergo fis-sentenza appellata ghaliex il-hanut de quo ma jinsabx f' *"College Street, Gzira"* imma f' *"Coleridge Street, Gzira*". Issa ghalkemm l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-persuna registrata saret fuq l-indirizz tal-bakery li tinsab f' *Coleridge Street,* l-X-Reading u r-ricevuta fiskali li eventwalment nhargu mill-*cash register* tal-appellant kienu jindikaw *"College Street",* li ma tezistix fil-Gzira. Dan l-izball fil-mod kif gie programmat il-cash register x' aktarx li induca lill-prosekuzzjoni fl-izball tal-indirizz tal-hanut fejn sar l-allegaT reat. Pero' dan l-izball ma jiskolpax lill-appellant.

Gie dejjem ritenut fil-gurisprudenza nostrana li c-citazzjoni ma hija xejn hlief *avviso a comparire* u li ma jkun hemm ebda nullita' jekk fiha ikun hemm xi dettal zghir zbaljat. L-

importanti hu li l-akkuzat ikun jaf sew ta' x'hiex ikun qed jigi akkuzat.

F' dan il-kaz, ma jidhirx li l-akkuzat seta' gie pregudikat b' xi mod b' dan l-izball ghaliex hu mhux biss jidher li kien jaf sew ta' x'xhiex kien qed jigi akkuzat imma talli fix-xhieda tieghu implicitament accetta dan billi xehed bl-akbar dettall dwar dak li gara dak in-nhar tad-29 ta' Marzu, 2007, meta dahlet fuqu il-VAT inspector Rapa fil-hanut tieghu gol-Gzira. Bix-xhieda tieghu iddefenda lilu nnifsu *"ad unguem"* fuq l-allegazzjonijiet li saru minn Rapa. Ghalhekk l-izball fl-indirizz tal-hanut li hemm fil-komparixxi w li allura gie awtomatikament riprodott fis-sentenza appellata la jbiddel is-sustanza tal-akkuza w inqas u inqas iservi biex jiskolpa lill-appellant. Ghalhekk aNki dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tielet aggravju tal-appellant, hu jikkontendi li hemm certu konflitt fil-provi. B' dana kollu kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Din il-Qorti wieznet sew il-versjoni tax-xhud Caroline Rapa w dik tal-appellant u anki ordnat konfront bejnithom u, mill-assjem tal-provi, din il-Qorti hija altru milli sodisfatta sal-grad tac-certezza morali illi l-verzjoni moghtija mix-xhud Caroline Rapa illi l-appellant ma harigx l-ircevuta skond il-ligi kif kien obbligat li jaghmel fil-hin li huwa bejgh pakkett sigaretti lil wiehed mill-klijenti tieghu, hi veritjiera. Din il-versjoni hija ferm aktar kredibbli mill-versjoni pjuttost stirakkjata li pprova jaghti l-appellant. Umbaghad, bil-fatt li l-appellant, meta gie ordnat mill-VAT Inspector, kien pront ippuncja l-ircevuta fuq il-*cash register* tieghu, implicitament gie li kien accetta li ma kienx ghamel dan immedjetament wara li kien thallas mill-klient, kif del resto jirrizulta ukoll mill-X-Reading li ntalab johrog dak il-hin stess. Ghalhekk l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement.

Dwar ir-raba' aggravju li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi u ma hix wahda eccezziva. Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------